# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar is-27 ta' Gunju 2022

**Rikors Numru : 556/2021 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**AA**

**Vs**

**CA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta` AA datat 18 ta' Novembru 2021 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed (2001) liema zwieg kien gie registrat fir-Registru bin-numru progressiv numru 1237/2001 kif muri fl-anness document immarkat Dok. A.*
>
> *Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Frar 2019 u sussegwentement isseparaw legalment permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutara Katrin Bartolo data 10 ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) (Dok B);*
>
> *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla, FE li twieldet f'X u li llum hija maggorenni.*
>
> *Illi it-tifla FE ghadha qed tistudja u qed jithallas manteniment a favur taghha*

*fl-ammont ta' Eur 500 fix-xahar.*

*Illi ghaddew aktar minn sentejn mid-data li fiha l-partijiet isseparaw de facto minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;*

*Ghaldaqstant l-esponent AA umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata CA bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet kollha tal-Ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skond il-Ligi, u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret fis-seduta mhejjija nhar id-19 ta' Mejju 2020 izda ma ppresentat ebda risposta. Di piu' il-Qorti spjegatilha id-drittijiet legali taghha izda rrispondiet illi ma tehtiegx assistenza legali u li ma kellhiex oggezzjoni ghad-divorzju (Vide fol 23);

Rat illi l-attur iddikjarat li ma kellux aktar provi x'jipproduci jew trattazzjoni x'jaghmel u stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 23);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AA xehed** (vide affidavit fol 3) illi l-partijiet zzewgu nhar is-27 ta' Lulju 2001 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Gunju 2020 fl-atti tan-Nutar Dr Katrin Bartolo izda ilhom separati de facto sa minn Frar 2019. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonferma illi huwa ghadu qed ihallas il-manteniment fis-somma ta' Eur 500 ghal-binthom stante li ghadha qed tistudja u ma hemm ebda pendenzi dovut bejniethom.

**CA xehdet** (vide xhieda a fol 26 u affidavit fol 29) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehdet l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor,***

***fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Lulju 2001, liema zwieg jgib certifikat numru 1237/2001 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni izda ghadha qed tistudja.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Katrin Bartolo nhar l-10 ta' Gunju 2020 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 5 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal

terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1237/2001 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**